GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 31 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 14 ta' Frar 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Alan Picco |

| | |
|---|---|
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Jannar 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Jannar 2011;
5. Il-Karnival;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 29 u 30 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

1. Dwar item 3.13 (Min. 29), Is-Sindku, il-Kunsillieri Agius u Picco flimkien mas-Segretarju ltaqgħu mal-Kappillan u omm li jieħdu ħsieb dan il-Grupp għall-kura u t-Trobbija tat-Tfal. Ġew diskussi l-ħtieġijiet li għandu bżonn dan il-grupp fosthom fondi biex jinxtraw diversi affarijiet. Il-Kunsill qal li filwaqt li wera x-xewqa li jixtieq jgħin dan il-Grupp, il-Kunisll ma jistax jagħti donazzjonijiet.
   Is-Sinjura Agius qalet li l-Kunsill jista' jagħmel kuntatt mad-Dipartiment ta' l-Edukazjoni għax dan jipprovdi nies li jkunu jistgħu jagħtu *lectures* dwar suġġetti differenti lil dan il-grupp ta' ommijiet żagħżagħ.
   Il-Kunsill iddeċieda li jikteb id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar dan.

2. Dwar item 10.a (Min. 29), il-Kunsill kiteb ir-residenti ta' Triq Milwa u rċevejna żewġ risposti biss li jridu li din t-Triq issir *One Way*.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment fejn infurmaw li l-Awtorita' tat-Turiżmu għandha kuntatti ma' organista li wera x-xewqa li jtella' *recitals* fuq l-orgni f'xi knejjes, ġejna mitluba sabiex nagħtu x'informazzjoni dwar dan.
   Infurmaw ukoll li ser issir laqgħa fuq Sigurta' fil-*Playgrounds* fil-Lokalitaijiet, fl-4 ta' Frar, 2011. Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku w s-Segretarju. Waqt din il-laqgha gie spjegat li playing fields li l-Awtorita Maltija dwar li Standards issib li mhux ta' standard kif mehtieg jinghalqu. Ghaldaqstant ser isiru spezzjonijiet u l-Kunsill jigi mgharraf x'jehtieg isir.
   Infurmaw li mill-allokazzjoni finanzjarji naqqsu l-ammont ta' € 120 biex ikopri is-servizz tal-Wifi fl-uffiċċini tal-Kunsill għal perjodu mill- 1 ta' Ġunju'10 sal-31 ta' Mejju'11.
   Bagħatu wkoll dwar Festa Ġemellaġġi 2011, irrimarkaw li s-somma minfuqa f'akkomodazzjoni ghal Festa Gemellaggi ma tagħmilx parti mit-*treshold* ta' € 3,500 li jistgħu jintefqu għal attivitajiet.
   Infurmaw ukoll li l-Kunsill ġie magħżul sabiex jiġi ntervistat fuq il-Programm *Eductaion 22* nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, fil-11:15 a.m. dwar x'inzjattivi li qed jieħu jew ser jieħu fil-futur.Is-Sindku se jieħu sehem f'dan il-programm.

   Bagħatu Memo 05/2011 – Direttur Ġdid Għall-Gvern Lokali, fejn ġejna mgħarrfa li nħatar is-Sur Carmel Abela bħala Direttur. Is-Sur Abela se jzur il-Kunsill Hal Ghaxaq nhar it-Tlieta 1 ta' Marzu bejn 2.40 u 3.10pm.
   Memo 07/2011 – Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki minhabba ir-revizjoni tal-Onorarja tal-Membri Parlamenti.

Memo 08/2011 – Emenda għal Memo 122/2010 – Ikliet / Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali, issa l-ikliet m'għandhiex tkun aktar minn €30 u f'każ ta' riċeviment l-ispiża m'għandhiex tkun ta' aktar minn €15 kull persuna.

Memo 09/2011 – Għat-tielet sena ser tingħata għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbilta' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill applika għal din l-għajnuna.

2. Mill-AKL infurmaw dwar il-Konferenza dwar l-Ilma – din ser issir fit-18 ta' Frar, 2011. Ser jattendu s-Sindku w s-Segretarju.
Bagħatu wkoll il-Minuti tal-Appell 65/2006/9 – Dr.I.Sammut vs Kumitat Konġunt Żejtun.
Infurmaw ukoll bil-Laqgħat Statutorji għas-Sena 2011 li huma 20 u 21 ta' Mejju, 28 u 29 ta' Ottubru, u 19 ta' Novembru Plenarja.
Bagħatu wkoll dwar il-Patt tas-Sindki li ser jiġu mqassma ċertifikati, fil-22 ta' Marzu, 2011.
Infurmaw ukoll dwar il-kont il-ġdid talk-BOV għall-ħlasijiet tal-kontijiet tal-Go p.l.c.
Bagħatu wkoll Ċirkulari dwar *Earth Hour 2011*.li ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2011 bejn it-8.30pm u d-9.30pm.
Infurmaw ukoll dwar il-Ħlasijiet ta' Ċitazzjonijiet fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali, li meta tiġi fis-seħħ id-delega tal-infurzar lokali kull Kunsill ser jitħallas minn kull ċitazzjoni permezz ta' tariffa amministrattiva.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar l-applikazzjoni Nru. PA 3123/10 tal-Ġnien fil-*Housing Estate*, fejn anness ukoll bagħatu rapport tal-KPND, fejn hemm immniżżel it-tibdil li jrid isir minn naħa tal-Perit.
Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 6913/05 dwar twaqqiegħ ta' strutturi eżistenti u minflok jinbena *park* industrijali SME's inkluż ukoll garaxxijiet u spazju għall-parkeġġ tal-vetturi fi Triq il-Belt Valletta.
Applikazzjoni Ġodda PA 4778/10 dwar kostruzzjoni ta' garaxx fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Wilġa.
Applikazzjoni Ġodda PA 4781/10 dwar kostruzzjoni ta' garaxx fi Sqaq il-Wilġa.
Infurmawna li dawn ser jiġu mwaħħal fin-notice board tal-MEPA li hemm ħdejn il-bank f'Bir id-Deheb.

Irċevejna wkoll dwar notifiki ta' deċiżjonijiet fejn infurmaw li dawn ser jibdew jiġu ppubblikari fil-Malta Independent mit-22 ta' Jannar, 2011 ( anness xi deċiżjonijiet)
Applikazzjoni Ġodda PA 4185/10 dwar sanzjoni fir-razzett minflok stallel, f'sit Il-Bur ta' Ras il-Wied.
Infurmaw ukoll li bħala bilanċ disponibbli sa Novembru,2010, fil-UIF għandhu s-somma ta' € 12,264.16.

4. Mill-*Malta Qualification Council*, infurmaw li ser isir Konferenza fil-21 ta' Jannar, 2011, dwar In Learning.

5. Mir-Reġjun tan-Nofsinhar, informa li ser isiru żjarat mill-*Authorised Officer* fil-Kunsilli Lokali tar-Reġjun. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju ntaqgħu mas-Sur Anthony Borg Caruana li żar l-uffiċċju tal-Kunsill u ddiskutew miegħu ħtiġijiet li hemm bżonn isiru fir-rigward tal-*Wardens*.

6. Il-Librara tal-librerija tal-Kunsill wriet ix-xewqa li jsir xi tip ta' ftehim, li meta tkun xi festa fil-ġranet li l-librerija tkun miftuħa dawk is-siegħat li tkun tilfet tkun tista' tagħmilhom żejda darba oħra. Il-Kunsill qabel li dan jista' jsir.

7. E-mail mingħand Renato Vella ta' *Inspire*, dwar l-attivitaijiet tal-Karnival. Dan jixtieq li jekk l-Kunsill jghamel attivitajiet tal-karnival dawn jigu mistiedna u jingabru flus ghal *Inspire*. Il-Kunsill qabel li dan jista' jsir.

8. Mill-Awtorita' tad-Djar dwar l-Iskema ta' Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern dwar xi proposti dawn ser jintlaqgħu sat-28 ta' Jannar, 2011.

9. Mill-MRRA is-Sur Abdilla, infurmana li Saviour Briffa li kien assenjat magħna fil-passat ser jerġa' jirrapport għax-xogħol mal-Kunsill mill-24 ta' Jannar, 2011, u wkoll li ser ikun taħt it-tmexxija ta' Briffa Carmel ( Zone 2) u jekk f'każ lis-Sur Briffa jkun bis-*sick* jew bil-*leave* għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Abdilla jew mas-Sur Gatt fin-numri ndikati fl-*e-mail*.

10. Mill-MCAST infurmaw li għandhom skema li tinvolvi żewġ studenti mill-lokalita' tagħna, sabiex jagħmlu 10 sigħat xogħol volotunarju fil-komunita' minn issa sa l-aħħar ta' Mejju, 2011. Il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ studenti jistgħu jiġu jagħmlu xogħol volontarju fil-Kunsill.
Is-Segretarju qalet ukoll li ġiet avviċinata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli li se jġibu studenti Ġermaniżi fis-sajf għal *work phase* biex il-Kunsill ta' Ħal Għaxaq jieħu waħda minn dawn l-istudenti għal ġimgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex tiġi din l-istudenta.

11. Irċevejna wkoll stedina għal taħriġ mingħand KOPIN, SKOP flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Belt, mil-15 sat-18 ta' Frar, 2011, dwar *Project Cycle Management* u *Networking*, ġewwa lukanda *Inter Continental* f'San Ġiljan.

12. Mit-*Transport Malta* talbu aktar dettaljat tal-post fejn se titwaħħal road hump li tlabna biex issir fi Triq B'Bugia.
Bagħatu wkoll li m'aċċettawx it-talba li għamilna għal żewġ *road humps* fi Triq San Filippu.
Infurmaw ukoll li *road hump* li tinsab fi Vjal il-Labour hija mingħajr permess u li trid tinqala'.

19. Stedina għal programm SESSI fuq PBS nhar it-28 ta' Frar, 2012, fis-6:00 p.m., fejn ser ikun iddedikat għal Karnival.

20. Is-Sur Debattista nfurmana bir-rata l-ġdida lill-Librara tal-Lokal li ser tibda tkun ta' € 5.86, mill-1 ta' Jannar, 2011.

21. Mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke, fejn għarrfuna li dwar l-ECAD is-Sur John Dalli ser jiltaqa' mal-Adivsory Board ħalli jkun spjegat lilu l-ħidma ta' l-ECAD u għal dan il-għan ser jitalab permess lill-Kunsilli membri sabiex tkun tista' ssir din l-ittra, aktar il-quddiem ser issir laqgħa sabiex jiġi spjegat kollox f'aktar dettal.

22. Mill-Għaqda Mużikali St.Liena ta' B'Kara, fejn stiednu lill-Kunsill għall-Kunċert Annwali Vokali u Strumentali fis-26 ta' Frar, 2011.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lid-Direttur, bħala kjarifika fuq Memo 95/2010, fejn il-Kunsill ma benefikax minn din l-iskema u ntalbet ir-raġuni.

b) Intbaghatet e-mail lis-Sur Schiavone tal-MEEF, dwar rapport li kellna li l-purtinari ta' l-Iskola Primarja kienu qegħdin ibattlu l-boroż ta' l-iskart ġo l-iskip minflok li dawn jitfgħu l-boroż mimlijin kif suppost. Is-Sur Schiavone irrisponda li se tittieħed azzjoni.

c) E-mail lis-Sur Soler, fejn il-Kunsill talab sabiex ikun hawn żewġ gwardjani pajżana kull nhar ta' Tlieta bejn is-7 u l-11 ta' filgħodu u s-Sibt bejn l-10 ta' filgħodu u s-2 ta' wara nofsinhar.

d) Intbagħatet e-mail lill-Heritage Malta u lil Din l-Art Ħelwa, fejn staqsejna jekk bħala għaqda jistgħux jgħinu fir-restawrar tat-Turretta. Fejn tal-aħħar wrew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament.

e) Intbagħatet ittra lill-Trasport Malta, fejn infurmajniehom bil-petizzjoni li saret mir-residenti li joqogħodu fi Trilogy Crt u anke l-ħwienet tal-madwar fi Triq B'bugia, fejn iffirmaw sabiex juru d-diżaprovazzjoni tagħhom fejn se jiġi nstallat *Bus Stop* u *Bus Shelter*. (petizzjoni annessa)

f) E-mail lill-*City Sport* rigward *playground equipment*, minħabba xi kwotazzjonijiet.

g) Intbagħatet ittra flimkien ma' pjanti lid-Direttur għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill qed jitlob il-guardianship tal-Wied ta' Ħas Saptan, biċċa art fi Triq P. Cassar u wkoll ta' biċċa art oħra li tinsab fi Triq il-Gudja k/m mal-Bypass. Ġejna mgħarrfin li l-Kunsill jista' jitlob devoluzzjoni ta' dawn l-artijiet.

h) Intbagħatet ittra flimkien ma li-stima tal-Perit lill-Kap Eżekuttiv Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern, rigward xogħlijiet ġewwa l-Ġnien Pubbliku.

i) Lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, fejn il-Kunsill wera' xewqa li jissieħeb fil-proġett dwar *ECDL Courses* għar-residenti.

j) E-mail lis-Sur Vassallo tat-*Transport Malta*, fejn tlabna sabiex isir laqgħa miegħu.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Jannar 2011, li kienu jammontaw għal €37.49 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€37.49 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

b. *Skeda ta' Ħlas – Jannar 2011*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2011 u li jammontaw għal €23,496.84. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Il-Karnival**

Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li ssir attivita', fl-4, ta' Marzu, 2011, fis-Sala tal-Kappillan bit-tfal bil-kostumi tal-karnival u min jieħu sehem iħallas is-sehem tiegħu b'tali mod li l-Kunsill ma jinvolvi ruħhu f'ebda spiża. Dawn ikunu addizzjonali għal karnival spontanju li jsir fir-raħal. Ser jinġieb *compere* u *sound system* u jiġi provdut transport għal kumpaniji taż-żfin.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tinġieb banda lokali, ġie deċiż li din il-banda tiġi avviċinata biex il-Kunsill ikun jaf kemm ikun irid iħallas.
Il-Kunsill approva unanimament l-attivita' msemmija.

**6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

1. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinżabru is-siġar. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li rċevejna żewġ kwotazzjonijiet biex jitnaddaf sit fl-*area* ta' Wied Għar Dalam. Is-Segretarju qalet li ser iġġib kwotazzjoni oħra.

3. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinxtara pompa għal funtana ta' Ġnien 2000. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Vassallo qal li ġie avviċinat minn *Schembri Infrastructures Ltd.* Biex inħallsu l-kontijiet pendenti. Wara diskussjoni sar ftehim li jitħallas l-ammont ta' €40,000 bħala parti mill-ħlas dovut.

5. Is-Sinjura Agius qalet li jeħtieġ jittranġa l-ħin tad-dawl tal-Ġnien 2000 għax mhux qed jixgħel kif suppost.

6. Is-Sinjura Agius qalet ukoll li fi Triq San Ġorġ hemm xi toqob biex dawn jittranġaw, kif ukoll staqsiet jekk hux possibbli li l-ħaddiema tal-Kunsill jirranġaw xi bankini li hemm imkissrin f'diversi toroq. Is-Sindku wieġeb li se jieħu ħsieb.

7. Is-Sur Abdilla qal li f'Bir-id-Deheb hemm problema kbira tal-parkeġġ dan minħabba l-ħwienet li hemm, qal ukoll li hemm għalqa li hi tal-patrijiet Dumnikani li fiha kulħadd jitfa' l-iskart speċjalment kaxxi li n-nies jixtru l-ikel fihom.
Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lid-Dumnikani tar-Rabat fejn dawn jiġu mgħarrfa bis-sitwazzjoni w jaraw jistgħux jgħollu l-ħajt ta' madwar l-għalqa.

8. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru żewġ tabelli waħda fi Sqaq Indri Dimech u Oħra fi Triq tal-Ġewwinijja biex ma jħallux il-klieb iħammġu fit-triq.

**7. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 24 ta' Marzu 2012, fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 24 ta' Marzu 2011, fis-2.00pm.**